# Il-Ktieb "Il-Knisja ta' Ħal Qormi"

*Kitba tas-Sur Anthony Mercieca*

Għalkemm Ħal Qormi hu raħal kbir u qadim ħafna, ftit huma l-kotba li nkitbu dwaru. Wieħed minn dawn il-kotba hu "Il-Knisja ta' Ħal Qormi – Biċċa Storja" tal-Professur Ġuże' Galea. Il-ktieb ġie stampat fid-Dar ta' San Ġużepp tal-Ħamrun fl-1928. Il-ktieb mhux xi wieħed voluminuż. Kulma fih 26 paġna. Imma kif ngħidu bil-Malti, "Aħjar ftit milli xejn".

Billi dan il-ktieb ma tistax tmur f'ħanut tal-kotba u tixtrih għax għandu 'l fuq minn ħamsa u sebgħin sena, se ngħid lill-qarrejja dak li l-istess Ġuże Galea qal dwar dan il-ktieb:

"Din il-biċċa storja kont ġbartha fil-ħin li ma kellix x'nagħmel, u ġibtha f'"Il-Ħabib" ta' l-1923. Imbagħad kienet ħarġet fit-"Tagħlim għall-Ġid"


REGIA BIBLIOTHECA MELITENSIS

PROGRESSIVE No. OF THE WORK 22942.

No. OF VOLUMES 1.

LETTER OF PRESS ... Bd

No. OF SHELF ... 6

No. OF PLACE ... 60

CLASS: Relig. (History)

DEWEY'S DECIMAL CLASSIFICATION No. 282/1009

REMARKS


B. L.
12. 4. 28.

IL KNISJA TA' HAL QORMI

BIĊĊIA STORJA

TA'

G. GALEA

22942.

1

Stampat Ir-Raba Darba

ROYAL MALTA LIBRARY

HAMRUN—1928

STAMPERIA TAD-"DAR TA' S. GIUSEPPE"

ta' l-1924. Dan l-aħħar fl-1927, dehret fid-"Dizzjunarju Enċiklopediku". Ħafna ħbieb kien ilhom iħajruni niġborha fi ktieb wieħed. Issa biex nikkuntentahom, u fl-istess ħin, biex nagħmel benefiċċju lis-Soċjeta' ta' San Vinċenz se noħroġha fi ktieb għalih.

Nixtieq infiehem sewwa li minn dak li se taqraw xejn ma qlajt minn żniedi, imma kollox ġbart u laqqatt minn kotba ta' l-istorja, qodma u ġodda. Fejn ma sibtx miktub żammejt kemm stajt ma' dak li jgħid il-poplu. Sibtha mhux ftit tqila li nikteb fuq l-istorja tal-knisja biss, mingħajr ma nsemmi wkoll l-istorja ta' Ħal Qormi, għax il-ġrajja ta' dak ir-raħal u l-knisja tiegħu huma midmumin hekk li ma tistax tikteb fuq wieħed mingħajr ma jkollok taqbeż f'oħra. Imma billi dan il-ktieb ridtu għall-knisja biss, għażilt kemm stajt il-ġrajja tal-knisja minn dawk tar-raħal, li beħsiebni niġbor fi ktieb aktar 'il quddiem."

Fil-qiegħ tal-paġna Ġuże' Galea jinfurmana li l-qligħ minn dak il-ktieb se jingħata lis-Soċjeta' ta' San Vinċenz ta' Ħal Qormi.

Il-Professur Ġuże' Galea twieled Ħal Qormi, it-Tlieta, 17 ta' Lulju 1901. Ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

Minn din id-daqsxejn ta' silta ninnotaw li minn kmieni l-Malti li kien juża' Guże' Galea kien tassew magħżul u mirqum bl-akbar reqqa. Innotaw il-qawwa ta' l-idjoma "huma midmumin hekk".

Ninnotaw li Ġuże' Galea kien jagħti importanza kbira lil dak li jgħid il-poplu. Ħal Qormi hu wieħed mill-postijiet li dwarhom rari ssib xi ħaġa miktuba. Tmur tfittex u ma ssib xejn. Dan ma ġarax lili biss iżda ġara qabli lil Ġuże' Galea. Hu stess stqarr :"Fejn ma sibtx miktub, żammejt kemm stajt ma' dak li jgħid il-poplu".

F'din is-silta jissemma "Il-Ħabib". Din kienet gazzetta ta' kull ġimgħa. L-ewwel ħarġa tagħha kienet fl-ewwel ta' Frar 1912. Baqgħet toħroġ sa l-1928. L-editur tagħha ma kien ħadd ħlief il-Qormi l-ieħor, Missier il-Letteratur Maltija, Ġuże' Muscat Azzopardi li din is-sena qed infakkru l-mija u ħamsin sena mit-twelid tiegħu fl-1 ta' Settembru 1853.

Hekk irid isir il-qari tal-kotba. Ħaġa twasslek għal oħra. Ġieli nsibu affarijiet li l-awtur ma jkunx irid joqgħod jiftaħar bihom. F'din is-silta nsibu kemm Ġuże' Galea kien ta' qalb kbira. L-intrigu li ħa biex jara dan il-ktieb stampat m'għamlux għall-flus imma l-qligħ li se jkun hemm kien se jgħaddih lis-Soċjeta' ta' San Vinċenz ta' Ħal Qormi.

Meta naraw xi silta bħal din għandna nimtlew bil-kurżita'. L-għan ta' l-awtur ma kienx li joqgħod jagħtina tagħrif dwar is-Soċjeta' ta' San Vinċenz ta' Ħal Qormi fi żmienu. Fejn kienu jiltaqgħu? Min kienu l-membri? Sentenza ċkejkna taf tagħtik xhur ta' riċerka. Ir-riċerkatur irid joqgħod attent minn xi bravu li jgħidlu li dawk affarijiet li għaddew u m'għandux joqgħod iħabbel rasu dwarhom. Praspar bħal dawn iltqajt magħhom jien ukoll!

Issa niġu għall-ktieb.

Fl-ewwel kapitlu naqraw dwar il-Qriema tal-qedem, il-firxa tat-territorju Qormi li kien jasal sa Sant' Iermu fit-tarf ta' dik li llum hi l-Belt Valletta u x'wassal biex Ħal Qormi sar parroċċa.

Fit-tieni kapitlu naqraw dwar l-ewwel kappillan tal-parroċċa Dun Mark De Torrente li ġie magħżul mill-Isqof Senatore De Mello fl-1436. Naqraw ukoll dwar il-bini tal-knisja, id-"Domna" li hemm fuq iz-zuntier u l-hekk imsejjaħ "ir-Rixtellu".

Fit-tielet kapitlu naqraw dwar l-Assedju l-Kbir u l-ġlied mat-Torok f'Ħal Qormi. Naqraw ukoll dwar Mons. Duzzina li ntbagħat Malta mill-Papa Girgor XIII bħala Visitatur Apostoliku fl-1575. Ġie jżur il-knisja ta' San Ġorġ u sab li f'Ħal Qormi kein hawn 22 knsija. Il-bini tal-knisja l-ġdida fl-1584 u l-bini tal-koppla minn Lorenzo Gafa' fl-1684.

Fir-raba' kapitlu naqraw dwar il-konsagrazzjoni tal-knisja. Insibu wkoll kif Ħal Qormi sar Belt Pinto, il-vara ta' San Ġorġ u Ħal Qormi fi żmien il-Franċiżi.

Fil-ħames kapitlu naqraw kemm bata Ħal Qormi fil-pesta ta' l-1813. Insibu wkoll dettalji dwar "il-ħanżira ta' l-Erwieħ". In-nies kienu jitimgħuha u bil-flus li jinġabru meta joqtluha kienu jagħmlu quddies għall-erwieħ. Interessanti li naqraw li fl-1860 kienet naqset ix-xita u waqgħet nixfa kbira. Il-Qriema kif għamlu dejjem, irrikorrew lejn San Ġorġ u ħadu l-vara tiegħu pellegrinaġġ għal Santa Marija tal-Ħlas. Il-poplu talab bi ħrara kbira u kien mismugħ għax, imbierek Alla, niżlet xita bil-qliel.

Il-ħames kapitlu jagħlaq b'deskrizzjoni dettaljata tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ġuże' Galea jgħidilna li kienet purċissjoni twila wisq li laħqet damet sagħtejn għaddejja minn quddiem post wieħed u kienet iddur mar-raħal kollu.

Fis-sitt kapitlu naqraw dwar l-apoteosi ta' San Ġorġ fl-arzella tal-kor.

Din tpittret mill-pittur magħruf Giuseppe Cali'. Insiru nafu li kien fl-20 ta' Ġunju 1921 li beda x-xogħol biex twessgħu n-navi. L-imgħallem kien il-Qormi Ġorġ Pulis. Ix-xogħol spiċċa fit-2 ta' April 1923. Naqraw ukoll kif Qriema minn New York ġabru l-flus biex għamlu n-niċċa tal-ġewż ta' ġmiel kbir lill-vara ta' San Ġorġ.

Minn paġna 19 'il quddiem insibu xi żidiet:

1 Il-Kappillani tal-Matriċi ta' Ħal Qormi. Vigarji-Kurati tal-Knisja ta' San Bastjan.
2 Parroċċi li ħarġu mill-parroċċa ta' Ħal Qormi.
3 Il-Kunfraternitajiet.
4 Opri tal-Pittura.
5 Ħrejjef
   i) Għax il-knisja nbniet fejn hi.
   ii) Għax il-knisja "Tal-Ħlas" tagħmel ma' Ħal Qormi
   iii) Qriema u Żebbuġin.

Nixtieq nagħlaq din il-ħarsa ħafifa lejn il-ktieb li Ġużè' Galea ppublika dwar Ħal Qormi u l-Qriema billi ngħid x'jidhirlu l-kittieb dwar l-imħabba tiegħu u tal-Qriema lejn San Ġorġ, il-patrun tagħna:

"Il-Qriema jħobbu lil San Ġorġ bil-ħrara ta' qalbhom kollha. Lilu jsemmu fil-hena. Lejh iduru fil-hemm tagħhom. Ismu dejjem fuq xofftejhom. Fih dlonk jiftakru u fl-ibgħad artijiet għal ismu qalbhom tferfer u tixxennaq għal pajjiżhom. U San Ġorġ iħobbhom. Mis-sema lejhom iħares u fuqhom ixerred mal-barka tiegħu, kull riżq, ġid u hena."

*23 ta' April 2003.*


VEHICLE GRAPHICS, VISORS,
RACING STRIPES, ETC....

SIGN DESIGN & PRODUCTION
VINYL LETTERING & LOGOS
ADVERTISING BOARDS
WINDOW LETTERING
DIRECTIONAL SIGNAGE
TRADE SHOW SIGNS & GRAPHICS
DOOR PLATES
BANNER SYSTEMS
PAVEMENT SIGNS

director: Jürgen Scicluna

JSIGNS
TEL - 21466809
MOB - 99450359

30, ĠUŻÈ CARDONA STR., QORMI
email: jsigns@onvol.net

CUSTOM LETTERING STICKERS FOR CARS, BOATS, JETSKIES, BUSINESS AND ANYTHING ELSE YOU CAN THINK OF